**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-1 ta' Diċembru 2011 (talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Handelsgerichts Wien (l-Awstrija) — Eva-Maria Painer vs Standard VerlagsGmbH, Axel Springer AG, Süddeutsche Zeitung GmbH, Spiegel-Verlag Rudolf Augstein GmbH & Co KG, Verlag M. DuMont Schauberg Expedition der Kölnischen Zeitung GmbH & Co KG**

**(Kawża C-145/10)** [1]

***(Ġurisdizzjoni f'materji ċivili — Regolament (KE) Nru 44/2001 — Artikolu 6(1) — Numru ta' konvenuti — Direttiva 93/98/KEE — Artikolu 6 — Protezzjoni ta' ritratti — Direttiva 2001/29/KE — Artikolu 2 — Riproduzzjoni — Użu ta' ritratt ta' persuna bħala mudell biex jiġi stabbilit identikit — Artikolu 5(3)(d) — Eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet għal kwotazzjonijiet — Artikolu 5(3)(e) — Eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika — Artikolu 5(5))***

(2012/C 32/11)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Handelsgericht Wien

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Eva Maria Painer

*Konvenuti:* Standard VerlagsGmbH, Axel Springer AG, Süddeutsche Zeitung GmbH, Spiegel-Verlag Rudolf Augstein GmbH & Co KG, Verlag M. DuMont Schauberg Expedition der Kölnischen Zeitung GmbH & Co KG

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Handelsgericht Wien — Interpretazzjoni tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) tal-Kunsill Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42), tal-Artikoli 1(1), 5(3)(d) u (e) kif ukoll tal-Artikolu 5(5) tad Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis soċjetà tal-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230) — Pubblikazzjoni ta' ritratti f'diversi rivisti, mingħajr permess mingħand l-awtur u mingħajr referenza korretta — Kompetenza ta' qorti sabiex tiddeċiedi diversi rikorsi li jsiru, minħabba tal-istess ksur tad-drittijiet tal-awtur, kontra konvenuti differenti, u bbażati fuq regoli ġuridiċi sostanzjalment identiċi tad-dritt ta' żewġ Stati Membri — Ksur tad-dritt tal-awtur iġġustifikat minn għanijiet ta' sigurtà pubblika

**Dispożittiv**

(1) *L-Artikolu 6(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali għandu jiġi interpretat fis-sens li s-sempliċi fatt li t-talbiet imressqa kontra diversi konvenuti, minħabba ksur ta' drittijiet tal-awtur sostanzjalment identiċi, ikunu bbażati fuq bażijiet legali nazzjonali li jkunu differenti skont l-Istati Membri ma jipprekludix l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni. Hija l-qorti nazzjonali, fid-dawl tal-elementi kollha tal-proċess, li għandha tevalwa l-eżistenza ta' riskju ta' deċiżjonijiet irrikonċiljabbli jekk it-talbiet jiġu deċiżi separatament.*

(2) *L-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/98/KEE, tad-29 ta' Ottubru 1993, li tarmonizza d-dewmien ta' protezzjoni ta' drittijiet tal-awtur u ċerti drittijiet relatati għandu jiġi interpretat fis-sens li ritratt ta' persuna jista', skont din id-dispożizzjoni, jiġi protett mid-dritt tal-awtur, fuq il-kundizzjoni, li hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika f'kull każ li jkollha quddiemha, li tkun kreazzjoni intellettwali tal-awtur li tirrifletti l-personalità ta' dan tal-aħħar u li timmanifesta ruħha mill-għażliet liberi u kreattivi tiegħu waqt il-ħolqien ta' dan ir-ritratt. Ladarba jiġi vverifikat li r-ritratt ta' persuna inkwistjoni għandu l-kwalità ta' xogħol, il-protezzjoni tiegħu ma hijiex inqas minn dik li jibbenefika minnha kull xogħol ieħor, inkluż dak fotografiku*

(3) *L-Artikolu 5(3)(e) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni, moqri fid-dawl tal-Artikolu 5(5) ta' din id-direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li mezz, bħal editur tal-istampa, ma jistax juża, fuq inizjattiva tiegħu stess, xogħol protett mid-drittijiet tal-awtur billi jinvoka għan ta' sigurtà pubblika. Madankollu, ma jistax jiġi eskluż li jista' jikkontribwixxi regolarment sabiex jintlaħaq tali għan billi jippubblika ritratt ta' persuna mfittxija. Għandu jkun meħtieġ li din l-inizjattiva, minn naħa, taqa' fil-kuntest ta' deċiżjoni meħuda jew ta' azzjoni mmexxija mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u intiża sabiex tiżgura s-sigurtà pubblika u, min-naħa l-oħra, tittieħed bi ftehim u f'koordinazzjoni mal-imsemmija awtoritajiet, sabiex jiġi evitat ir-riskju li tmur kontra miżuri meħuda minn dawn tal-aħħar, mingħajr ma tkun neċessarja għaldaqstant sejħa konkreta, attwali u espressa li tirriżulta mill-awtoritajiet ta' sigurtà, li jiġi ppubblikat ritratt għall-finijiet ta' investigazzjoni.*

(4) *L-Artikolu 5(3)(d) tad-Direttiva 2001/29, moqri fid-dawl tal-Artikolu 5(5) ta' din id-direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-fatt li artiklu tal-istampa li jikkwota xogħol jew oġġett ieħor protett ma huwiex xogħol litterarju protett mid-drittijiet tal-awtur ma jostakolax l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.*

(5) *L-Artikolu 5(3)(d) tad-Direttiva 2001/29, moqri fid-dawl tal-Artikolu 5(5) ta' din id-direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-applikazzjoni tiegħu hija suġġetta għall-obbligu li s-sors, inkluż*

*l-isem tal-awtur jew tal-artist interpretu, tax-xogħol jew tal-oġġett l-ieħor protett ikkwotat ikun indikat. Madankollu, jekk, skont l-Artikolu 5(3)(e) tad-Direttiva 2001/29, dan l-isem ma jkunx ġie indikat, l-imsemmi obbligu għandu jiġi kkunsidrat bħala osservat jekk jiġi indikat biss is-sors.*

(1) ĠU C 148, 5.6.2010

## Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-8 ta' Diċembru 2011 (talba għal deċiżjoni preliminari mit-Tribunal Supremo — Spanja) — Banco Bilbao Vizcaya Argentaria, SA vs Administración General del Estado

**(Kawża C-157/10)** (1)

***(Moviment liberu tal-kapital — Taxxa fuq il-kumpanniji — Ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja — Projbizzjoni li titnaqqas it-taxxa dovuta iżda mhux irkuprata fi Stati Membri oħra)***

(2012/C 32/12)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

### Qorti tar-rinviju

Tribunal Supremo

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Banco Bilbao Vizcaya Argentaria, SA

*Konvenuta:* Administración General del Estado

*Intervenjenti insostenn tal-konvenut:* Ir-Repubblika tas-Slovenja (rappreżentant: T. Mihelič, aġent)

### Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Tribunal Supremo — Interpretazzjoni tal-Artikoli 63 u 65 TFUE — Taxxa fuq il-kumpanniji — Leġiżlazzjoni nazzjonali u ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja li jipprojbixxu t-tnaqqis tat-taxxa dovuta, iżda mhux miġbura, fi Stati Membri oħra għal dħul magħmul fit-territorju tagħhom

### Dispożittiv

*L-Artikolu 67 tat-Trattat KEE u l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 88/361/KEE, tal-24 ta' Ġunju 1988, għall-implementazzjoni tal-Artikolu 67 tat-Trattat (artiklu mħassar bit-Trattat ta' Amsterdam), ma jipprekludux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li, fil-kuntest tat-taxxa fuq il-kumpanniji u fost ir-regoli intiżi għal ħelsien minn taxxa doppja, tipprojbixxi li jitnaqqas l-ammont tat-taxxa dovuta fi Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea fuq dħul magħmul fit-territorju tagħhom u li jaqa' taħt din it-taxxa meta, minkejja li huma dovuti, dawn l-ammonti ma jitħallsux, minħabba eżenzjoni jew tnaqqis tal-oneru fiskali jew minħabba benefiċċju fiskali ieħor, sa fejn din il-leġiżlazzjoni ma tkunx diskriminatorja meta mqabbla mat-trattament li għaliha huma suġġetti l-interessi miksuba fl-imsemmi Stat Membru, liema fatt għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.*

(1) ĠU C 179, 3.7.2010

## Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-8 ta' Diċembru 2011 (talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden — Il-Pajjiżi l-Baxxi) — Residex Capital IV CV vs Gemeente Rotterdam

**(Kawża C-275/10)** (1)

***(Artikolu 88(3) KE — Għajnuna mill-Istat — Għajnuna mogħtija taħt forma ta' garanzija lil min isellef sabiex ikun jista' jagħti kreditu lil min jissellef — Ksur tar-regoli ta' proċedura — Obbligu ta' rkupru — Nullità — Setgħat tal-qorti nazzjonali)***

(2012/C 32/13)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

### Qorti tar-rinviju

Hoge Raad der Nederlanden

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Residex Capital IV CV

*Konvenuta:* Gemeente Rotterdam

### Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Hoge Raad der Nederlanden — Għajnuna mill-Istat — Interpretazzjoni tal-Artikolu 108(3) TFUE — Għajnuna mogħtija bħala garanzija lil min isellef sabiex ikun jista' jagħti kreditu lil min jissellef — Ksur tar-regoli tal-proċedura — Ġurisdizzjoni tal-qrati nazzjonali

### Dispożittiv

*L-aħħar sentenza tal-Artikolu 88(3) KE għandha tiġi interpretata fissens li l-qrati nazzjonali huma ġurisdizzjoni sabiex jannullaw garanzija f'sitwazzjoni bħal dik tal-kawża prinċipali, li fiha għajnuna illegali ġiet eżegwita permezz ta' garanzija mogħtija minn awtorità pubblika sabiex tkopri self mogħti minn kumpannija finanzjarja għall-benefiċċju ta' impriża li ma setgħetx tikseb tali finanzjament taħt kundizzjonijiet normali tas-suq. Fl-eżerċizzju ta' din il-ġurisdizzjoni, l-imsemmija qrati għandhom jiżguraw l-irkupru tal-għajnuna u, għal dan il-għan, huma jistgħu jannullaw il-garanzija b'mod partikolari meta, fin-nuqqas ta' miżuri proċedurali inqas vinkolanti, dan l-annullament ikun tali li jagħti lok jew jiffaċilita li tiġi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni kompetittiva li tippreċedi l-għoti ta' din il-garanzija.*

(1) ĠU C 246, 11.9.2010.